MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 311/2004

**Carmel Vassallo**

**vs**

**Francis Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-konvenut intalab jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u  erba' mitt Liri Maltin [Lm3400] dovuta in kwantu ghal elfejn u mitejn Liri [Lm2200] dovuta in linea ta' self moghti lilu brevi manu, u in kwantu ghal elf u mitejn lira [Lm1200] dovuta bhala import ta' kambjala accettata u skaduta fil-31 ta' Marzu, 2004.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li pemezz taghha l-konvenut ecepixxa:

1. Illi t-talba tal-attur ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra tieghu stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi l-konvenut jirrispingi l-allegazzjoni mressqa mill-attur illi rcieva xi flusijiet minghand l-attur in linea ta' self brevi manu, u jehtieg illi l-istess attur jipprova a sodisfazzjoni ta' din l-Onotrabbli Qorti illi effettivament sar dan is-self;
3. Illi in kwantu ghall-ammont dovut bhala import ta' kambjala accettata mill-esponenti u skaduta fil-31 ta' Marzu 2004, dan l-ammont mhux dovut stante tpacija, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;

Rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenut ghar-rikonvenzjoni tal-attur sabiex l-attur rikonvenzjonat jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din l-Onorabbli Qorti li jhallas lill-konvenut rikonvenjenti s-somma ta' elfejn lira (LM2000) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti l-prezz ossia valur ta' diversi oggetti mobbli proprjeta' tal-konvenut rikonvenjenti illi jinsabu fil-pussess tal-attur nikonvenzjonat, liema oggetti l-attur rikonvenzjonat naqas li jirritornahom lill-konvenut rikonvenjenti minkejja illi gie interpellat diversi drabi sabiex jaghmel dan, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez, u l-imghax legali, kontra l-attur rikonvenzjonat ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn ecepixxa illi t-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt billi dawn l-oggetti gew moghtija lill-attur in konnessjoni ma' senserija dovuta lil-attur u wkoll hija falza l-affermazzjoni li l-konvenut talab lill-attur sabiex jirritornohom u huwa naqas li jaghmel dan. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

**Provi tal-Attur:**

L-attur xehed illi huwa kien jaf lill-konvenut minn qabel dan l-incident u li kien s-sensar li sab il-bejgh tar-razzett tal-konvenut li dwar kien thallas s-senserija dovuta kif miftiehem u mnizzel fil-konvenju. Gimghatejn wara dan il-konvenju, l-attur sab villa ghall-konvenut li ftiehem biex jixtriha ghall-prezz ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltin, l-istess prezz tar-razzett tieghu, izda din id-darba ma ried ebda senserija minghand il-konvenut. Fid-data tal-kuntratt finali ghall-akkwist tal-villa, l-attur jghid li l-konvenut ma kellux flus bizzejjed u ghalhekk silfu l-elfejn u mitejn lira u elf u mitejn lira ohra u dan kontra kambjala ta' elf u mitejn lira filwaqt illi l-elfejn u mitejn lira kellhom jithallsu fi zmien gimghatejn izda dan baqa' ma hallsu xejn sad-data tad-deposizzjoni tieghu. L-attur sostna illi huwa rrifjuta s-senserija offerta mill-attur u kien accetta li jiehu l-oggetti mertu tal-kontro-talba mhux bi hlas izda biss ghax xtaq itihomlu l-konvenut.

In sostenn tat-talba tieghu, l-attur pprezenta Kambjala bid-data tas-17 ta' Dicembru 2003 fl-ammont ta' Lm1200 favur tieghu mahruga mill-konvenut (Dok CV1); Kuntratt ta' bejgh fl-atti tan Nutar Dr. Clinton Belizzi datat 17 ta' Dicembru 2003 li permezz tieghu il-konvenut u martu xtraw residenza fir-Rabat, Malta; Kuntratt atti tan-Nutar Dr. Carmel Mangion tat-12 ta' Dicembru 2003 fejn l-konvenut biegh ir-razzett tieghu lill-terzi ghall-prezz ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltin.

**Provi tal-Konvenut**:

Il-Konvenut xehed illi l-attur kien il persuna li sab il-bejgh tar-razzett tieghu kif ukoll l-akkwist tar-residenza l-gdida tieghu. L-attur kien laqghu mal-persuna li riedet tbiegh il-post taghha, dan inghogob mill-konvenut u peress illi l-attur kien sab ukoll il-bejgh tar-razzett tal-konvenut ghall-istess prezz, l-konvenut dahal fi ftehim ghall-akkwist tal-istess post. L-ewwel kuntratt li kien sar kien il-bejgh tar-razzett (ara kuntratt fuq citat tat-12 ta' Dicembru, 2003). Il-konvenut jghid illi fuq din it-transazzjoni l-attur qabel li ma jiehux senserija izda minkejja dan, l-konvenut kien ta' struzzjonijiet lill-Bank tat-terzi li xtraw ir-razzett sabiex johrog cheque fuq l-istess attur fl-ammont ta' elfejn u mitejn lira Maltin. Il-konvenut kien staqsa lill-attur jekk b'hekk kienx ha is-senserija tieghu u dan wiegbu fin-negattiv u li kien ser jirritorna l-flus aktar tard u li kien ser itihom lin-Nutar Tony Abela biex ihallas parti mill-prezz tad-dar il-gdida li akkwista fir-Rabat.

Il-konvenut ikkonferma il-validita' tal-kambjala meta fix-xhieda tieghu qal illi fil-gurnata tal-kuntratt tal-akkwist huwa ma kellux flus bizzejjed biex ihallas il-boll u dawn kien harighomlu l-attur. Meta interpelat biex ihallas dan baqa inadempjenti izda kien ghamel tajjeb ghall-ammont pretiz meta lill-attur tah diversi oggetti relatati man-negozju taz-zwiemel kif elenkat fil-prospett FC1 a Fol 51 tal-process.

Bint l-konvenut ikkonfermat illi l-attur kien hareg l-ammont ta' elf u mitejn lira ghaliex missierha ma kellux flus bizzejjed biex ihallas il-boll fid-data tal-kuntratt. Din ikkonfermat ukoll illi l-attur kien hareg is-somma ta' elfejn u mitejn lira fuq l-istess kuntratt u li missierha kien wieghdu li jhallsu lura. Hi qalet li ma kienitx prezenti meta sar il-ftehim dwar l-oggetti li ha l-attur u ma tafx x'kienet ir-raguni li missierha talabhom lura lill-attur. Fir-riezami taghha din qalet li ma kienet taf xejn dwar l-elfejn u mitejn lira izda ikkonfermat illi waqt il-kuntratt tal-akkwist tad-dar tar-Rabat l-attur kien ghadda cheque lill-missierha izda ma tafx f'liema ammont kien.

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur mhux qed jitlob senserija jew servigi fuq ix-xoghol minnu prestat f'zewg okkazzjonijiet fejn il-konvenut biegh ir-razzett tieghu u fejn xtara dar minflok ir-razzett, it-tnejn bl-intervent tal-attur. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu dwar jekk kienitx dovuta senserija o meno mill-konvenut. Dak li l-attur qed jitlob hu li din il-Qorti tara jekk verament kienx hemm self brevi manu mill-attur lill-konvenut u l-istess konvenut qed jitlob lill-Qorti tara jekk verament l-attur ghandux ihallas is-somma ta' elfejn lira jew ammont verjuri rapprezentanti oggetti mobbli proprjeta' tal-konvenut fil-pussess tal-attur. Ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti jirrizolvi ruhu f'ezami tal-verosimiljanza o meno tal-verzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi fix-xhieda tieghu l-konvenut allega illi l-attur kien thallas is-somma ta' elfejn u mitejn lira maltin meta sar l-ewwel kuntratt tal-bejgh tar-razzett tieghu. Minkejja illi l-attur jghid li jezisti dan il-ftehim fil-konvenju relattiv, dan baqa mhux esebit izda l-konvenut mill-inizju tad-deposizzjoni tieghu, kif ukoll ta' bintu, jghidu li l-attur ma kienx dovut senserija fuq dan il-kuntratt. U hija din il-pretensjoni vera tal-konvenut, u cioe illi wara li l-attur, b'xi mod, thallas tas-senserija, kif del resto minnu ikkonfermat, l-konvenut dahlu f'sitwazzjoni fejn issellef minn ghandu is-somma ta' elfejn u mitejn lira li tekkwivali ghall-wiehed fil-mija tas-somma ta' mitejn u ghoxrin elf lira maltin li tirraprezenta ukoll il-prezz tal-bejgh tar-razzett kif ukoll is-senserija fuq l-istess li l-attur kien diga thallas. Ikun rilevat illi l-ammont li hallas l-konvenut biex xtara d-dar tieghu huwa l-istess ammont li ftit tal-granet qabel kien thallas tieghu ghall-bejgh ta-razzett, izda fil-gurnata li xtara d-dar ma kellux bizzejjed flus.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-verzjoni tal-konvenut mhix wahda veritiera. L-attur iddikjara kemm il-darba illi ma ried ebda senserija fuq it-tieni negozju u ma kienx qed jitlob dan tramite dawn il-proceduri. L-konvenut, invece, hu tal-fehma illi anqas fuq l-ewwel kuntratt l-attur ma kien intitolat ghas-senserija, izda minkejja dan, xorta thallas taghha. U ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-konvenut issellef l-ammont li l-attur ha bhala senserija bl-iskop li jirkupra l-istess ammont billi ma jroddx lura is-somma lill-

attur. Il-konvenut baqa' inadempjenti ukoll fil-hlas msemmi fil-kambjala u oltre dan talab lura l-oggetti li hu kien ta bhala rigal lill-attur li ma kienx ried senserija fuq it-tieni kuntratt. Din il-kwistjoni qamet biss wara li l-attur intavola dawn il-proceduri.

Il-konvenut allega illi l-attur thallas is-somma ta' elfejn u mitejn lira b'cheque mill-bank tax-xerrej tar-razzett. Tali allegazzjoni setghet facilment tkun pruvata. Hekk ukoll setghet tkun pruvata billi ressaq lill-istess xerrejja biex jiddeponu, kif ukoll lin-Nutara li ppublikaw il-kuntratti, izda dan baqa' ma sarx.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qieghda tilqa' talba tal-attur sabiex il-konvenut ihallsu s-somma ta' tlett elef u erba mitt lira maltin kif ravvizat fl-avviz u tichad l-eccezzjoni tal-konvenut. Tiddisponi mil-kontro talba tal-konvenut billi tichad l-istess u tilqa' l-eccezzjoni tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri komprizi dawk tal-kontrotalba tal-konvenut ghandhom ikunu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenut u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------